**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 14**

**NHAR IL-ĦAMIS 18 TA' AWWISSU 2011 FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Frank Salt | Chairperson |
| Mary Anne Abela | Vice Chairperson |
| Alex Chetchuti | Membru |
| | |
| Anna Paris | Membru |

**SKUŻATI:**

| | |
|---|---|
| Wallace Farrugia | Membru |

**TALBA**

Il-Viċi Chairperson qalet it-talba.

## I. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-Seduta numru 13 ġew approvati. Il-Viċi Chairperson M.A pproponiet. Ic-Chairperson F.S. issekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

1. Il-Kumitat ġie nfurmat li l-bankijiet gew installati kollha pero' għad fadal 4 li ser jiġu installati f' post ieħor aktar adekwat . Dan minħabba ilmenti mir-residenti tal-madwar.

2. Gie infurmat li l-applikazzjoni għar-refurbishment tal-belvedere ġiet iddeppositata fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

3. Ic-Chairperson infurmat li l-boundary wall li inbena fi Triq il-Madliena quddiem Villa Remigio ġie baxx ħafna. Hi ssuġġeriet li dan għandu jerġa jogħla bħalma kien qabel jew bil-ħadid jew bil-ġebel.

4. Il-Viċi Chairperson infurmat li infetah iċ-cint tas-sejjieħ biswit il-Kappella. Dan biex issir entratura għall-kuntrattur li qed jibni fiż-Żona. Din il-materja ser tiġi diskussa fil-laqgha li jmiss fil-prezenza ta' W.F. Il-Viċi Chairperson ħadet l-inkarigu li tindaga dwar il-permessi u regolamenti ta' dan iċ-ċint.

**FRANK SALT**
**Chairperson**

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

5. Il-Viċi Chairperson irrapurtat dwar kanal li sar mill-ħaddiema tal-Water Services Corporation fi Triq Zejni. Hi rrapurtat li f' dan il-kanal qatt ma sar reinstatement. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li diġa kellu kuntatt mall-kuntrattur. Dawn ix-xogħlijiet ser isiru bil-hot asphalt.

6. Il-Viċi Chairperson irrapurtat ukoll ħaxix ħażin fuq il-bankina ta' Triq il-Gladjoli. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ħa jagħmel kuntatti mall-Kuntrattur.

7. A.C. informa li double yellow line fi Triq il-Gladjoli tlesta.

8. A.C. staqsa jekk hiex ser tinkesa bit-tarmac il-cul du sac, parti ta' taħt fi Triq Pedidalwett. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li din ser issir dejjem jekk ikun għad fadal fondi.

9. Il-Viċi Chairperson tablet għall-installazzjoni ta' dawl ġdid fin-naħa ta' isfel ta' Triq il-Bir, Triq taċ-Ċink u Triq Pedidalwett.

10. Ic-Chairperson informa li fit-Triq il-Gmiel u Triq il-Militar, il- mixed waste mhux qed jinġabar kuljum. Dan qed jinġabar 3 t' ijiem fil-ġimgħa biss.

## III KOMMUNIKAZZJONI MILL-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta korrispondenza mingħand is-Sur Ian Tomlin resident minn Triq il-Madliena. Dan ir-resident ilmenta dwar trukkijiet kbar li qed jużaw Triq il-Madliena iħokku mall-propjeta' tiegħu u saħansitra anki jaqilgħu ġebel mill-faċċata tar-residenza tiegħu. Wara diskussjoni il-Kumitat iddeċieda li l-Viċi Chairperson flimkien ma' W.F. ser iżuru li dan ir-resident biex flimkien jiddiskutu il-problema tiegħu.

**Il-laqgħa spiċċat fis-6.15p.m. Sar aġġornament għal nhar l-Erbgha 14 ta' Settembru 2011 fil-5.00p.m.**

**FRANK SALT**
**Chairperson**

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**